



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0045/2021**

17.3.2021

**\*\*\*||**

## **RAKKOMANDAZZJONI GĦAT-TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni  
(12262/2020 – C9-0011/2021 – 2017/0237(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur:Bogusław Liberadzki

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	4
ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA .....	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	8
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	9

## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni) (12262/2020 – C9-0011/2021 – 2017/0237(COD))**

### **(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (12262/2020 – C9-0011/2021),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Jannar 2018<sup>1</sup>,
- wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>2</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0548),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbi fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkmondazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0045/2021),
  1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġeneral tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġeneral tal-Kunsill, jipproċedi għall-publikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 197, 8.6.2018, p. 66.

<sup>2</sup> ĠU C 363, 28.10.2020, p. 296.



## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Il-kuntest

Fis-27 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet riformulazzjoni tar-Regolament 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji bil-għan li l-vjaġġaturi bil-ferrovija jiġu mħarsa aħjar f'każ ta' dewmien, kanċellazzjonijiet jew diskriminazzjoni.

Fid-9 ta' Ottubru 2018, il-Kumitat TRAN adotta r-rapport tiegħu fl-ewwel qari b'39 vot favur, 2 voti kontra u 6 astensjonijiet. Il-plenarja adottata il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari fil-15 ta' Novembru 2018 b'533 vot favur, 37 vot kontra u 47 astensjoni. Fil-bidu tal-leġiżlatura 1-ġdida, fl-24 ta' Settembru 2019, il-Kumitat TRAN adotta deċiżjoni biex jinbdew negozjati interistituzzjonali abbażi tar-rapport fl-ewwel qari b'47 vot favur, mingħajr ebda vot kontra u mingħajr ebda astensjoni.

Min-naħa tiegħu, il-Kunsill adotta l-approċċ ġenerali tiegħu għan-negozjati fit-2 ta' Diċembru 2019.

In-negozjati interistituzzjonali bdew fit-28 ta' Jannar 2020 matul il-Presidenza Kroata u ġew konklużi b'suċċess fl-1 ta' Ottubru 2020, matul il-Presidenza Ġermaniża, wara erba' trilogi. Fil-21 ta' Ottubru 2020, il-Coreper approva l-ftehim proviżorju u fit-28 ta' Ottubru, il-Kumitat TRAN approvah bi 38 vot favur, 7 voti kontra u erba' astensjonijiet.

Fil-25 ta' Jannar, wara verifika mill-ġuristi-lingwisti, il-Kunsill adotta formalment il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari skont il-ftehim proviżorju. Il-Parlament issa huwa mistieden jiproċedi għat-tieni qari tiegħu u jaaprova l-pożizzjoni tal-Kunsill sabiex jikkonferma l-ftehim.

### Elementi prinċipali tal-ftehim

Il-ftehim milħuq itejjeb b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament eżistenti f'għadd ta' kwistjonijiet bħal:

- Issa sejkun hemm fis-seħħ sistema kompluta għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (PRMs) li sejkunu jistgħu jivvjaġġaw bl-assistenza wara notifika minn qabel ta' 24 siegħa (s'issa kienet 48 siegħa) mit-30 ta' Ġunju 2026. Sadanittant se tapplika notifika minn qabel ta' 36 siegħa. Jekk ikun meħtieġ, persuna akkumpanjanti jew kelb ta' assistenza sejkunu jistgħu jivvjaġġaw mal-PRMs migħajr ħlas.

- Jekk ikun hemm dewmien ta' aktar minn 100 minuta, l-operaturi ferrovjarji sejkollhom l-obbligu li joffru għażiż li jidher alternattivi lill-passiġġieri, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi, u jgħinuhom isibu l-aħjar alternattivi, kif inhu l-każ tat-trasportaturi tal-ajru. F'każ li ċ-ċirkostanzi jirrikjedu dan, sejkun meħtieġ li jiġi pprovduti ikel u xorbi, u l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni se jiġi rimborżati.

- Ġew introdotti dispożizzjonijiet dettaljati ġoddha dwar ir-roti b'obbligu għall-kumpaniji ferrovjarji li jipprovdū spazji apposta: il-vetturi ferrovjarji ġoddha kollha u l-vetturi ferrovjarji se jeħtieġ li jkunu mgħammra b'mill-inqas 4 spazji tar-roti, bil-possibbiltà li jipprovdū aktar. Ir-rifjut tar-roti fuq ferrovija speċifika għandu jkun iġġustifikat kif xieraq, bil-possibbiltà li l-passiġġieri jiġi rimborżati meta dan iseħħi.

- Ġie introdott obbligu għall-operaturi li joffru biljetti globali għal vjaġġi magħmulu minn servizzi ferrovjarji suċċessivi. Dan l-obbligu se jaapplika mid-data ta' applikazzjoni għas-servizzi internazzjonali u s-servizzi ta' distanzi twal, u wara ġumes snin, jaapplika għas-servizzi reġjonali wkoll.

- Ġew imsaħħa d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-informazzjoni għall-passiġġieri, speċjalment fil-każ ta' dewmien, fejn l-obbligu li jinżammu infurmati dwar l-iżviluppi hekk

kif l-informazzjoni tkun disponibbli se jkun obbligatorju.

Fit-test iddaħħlet klawżola ta' force majeure simili għal dik li tapplika għall-passiġġieri bl-ajru, iżda b'dispożizzjonijiet dettaljati ħafna biex tīgħi evitata interpretazzjoni wiesgħa żżejjed. Dan jaapplika f'każ ta' avvenimenti imprevisti bħal kundizzjonijiet tat-temp estremi, diżastru naturali kbar jew tifqigħat ta' kriżijiet kbar tas-sahħha pubblika, u jeħles lill-operaturi mill-obbligu li jħallsu kumpens għal dewmien, iżda xorta waħda jaapplikaw obbligi oħra biex jassistu lill-passiġġieri u klawżoli oħra ta' rimborż.

Ir-regoli l-ġodda se jaapplikaw fi żmien sentejn. Matul it-trilogu, intlaħaq qbil fuq estensjoni finali ta' ħames snin għad-derogi eżistenti għas-servizzi ferrovjarji domestiċi għal dawk l-Istati Membri li kienu qed jagħmlu użu minn dawn id-derogi. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll, fċirkostanzi speċifiċi, li jeżentaw parżjalment is-servizzi suburbani, urbani u reġjonali transfruntiera. Madankollu, l-eżenzjonijiet ma jistgħux jaapplikaw għad-dispożizzjonijiet dwar il-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa, ir-roti, il-biljetti globali u r-riprogrammar tar-rotot minn servizzi transfruntiera.

### **Rakkomandazzjoni**

Billi l-pożizzjoni tal-Kunsill hija konformi mal-ftehim proviżorju milħuq waqt in-negozjati interistituzzjonal, ir-Rapporteur jirrakkomanda li din tīgħi approvata mingħajr emendi.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni)			
<b>Referenzi</b>	12262/1/2020 – C9-0011/2021 – 2017/0237(COD)			
<b>Data tal-1 qari tal-PE – Numru P</b>	15.11.2018	T8-0462/2018		
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2017)0548 - C8-0324/2017			
<b>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari</b>	11.2.2021			
<b>Kumitat responsabbbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 11.2.2021			
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Bogusław Liberadzki 25.10.2017			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	19.2.2020	13.7.2020	12.10.2020	24.2.2021
<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.3.2021			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	36 6 4		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Johan Danielsson, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, João Ferreira, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski			
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Paolo Borchia, Brice Hortefeux, Robert Roos			
<b>Data tat-tressiq</b>	17.3.2021			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>36</b>	+
ECR	Peter Lundgren, Robert Roos, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
ID	Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Lucia Vuolo
NI	Mario Furore
PPE	Magdalena Adamowicz, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Brice Hortefeux, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Giuseppe Milazzo, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, Elissavet Vozemberg-Vrionidi
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Johan Danielsson, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Vera Tax, István Ujhelyi, Petar Vitanov

<b>6</b>	-
The Left	Katerina Konečná
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz

<b>4</b>	<b>0</b>
ID	Julie Lechanteux, Philippe Olivier
The Left	João Ferreira, Elena Kountoura

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni